**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 366/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Rodney Borg**

Illum, 31 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rodney Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 110483M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**F**is- 17 ta' Awwissu 2017, ghal- habta ta' 12.10 hours waqt li kien gewwa l-Bajja Sabiha ta' Birzebbugia ikkometta serq semplici ta' zewg basktijiet ghad-dannu ta' Francis Mamo u Paul Bertrand, u dan bi ksur ta' l-artikoli 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Awwissu, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Rodney Borg minnu pprezentat fis-7 ta' Settembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija iżda tirriformha in kwantu għal piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

i. Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni għal fatt li l-appellanti jbagħti mill-vizzju tad-droga;
ii. Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni għal fatt li dak kien l-ewwel inċident ta' din in-natura tal-appellanti;
iii. Ma ngħatax il-piż xieraq għal fatt li l-parte civile f'dan il-kas iddikjaraw li huma qed jirrinunżjaw għal kull azzjoni kriminali kontra l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari illi l-piena kominata kienet wahda eccessiva u esagerata u li mhix diretta ghar-riforma tal-appellant. Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, ma huwiex normali li qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'juri li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta'

sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo 3.12.2015. Is-sentenza hawn skrutinata, ossia l-piena kominata wara s-sejbien ta' htija, ghalhekk ser tkun hekk ezaminata minn din l-ottika.

Jigi ghalkhekk enfasizzat illi hija prassi ta' din il-Qorti li ma tiddisturba qatt leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet serji li jkunu jiddettaw xort' ohra.

L-appellant tressaq il-Qorti nhar l-24 ta' Awwissu, 2017 u gie akkuzat bir-reat ta' serq semplici ghad-dannu ta' Francis Mamo u Paul Bertrand ai termini tal-artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta. Illi in segwitu, l-appellant irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' li nghata u cioe' fid-29 ta' Awwissu, 2018 fejn gie kkundnnat sitt xhur prigunerija.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-vitma Paul Bertrand kien hafer lill-appellant ta' ghemilu tant li anke xtaq jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali pero' dan ma kienx possibbli ghaliex ir-reat ta' serq huwa wiehed li huwa prosegwibbli ex-ufficcio. Rat ukoll skont ix-xhieda moghtija minn Paul Bertrand li r-*res furtiva* giet ritornata lilhom tant il stqarrew ex-admisis "*We all got everything that was taken from us... nothing was missin*g" (fol. 24)

Rat il-fedina penali esebita fl-atti a fol. 35 minn fejn jirrizulta li diga' ghandu tlett convictions registrati fuqha, contravenzjoni l-fejn gie akkuzat li ma kien liebes xieraq li sehhet fis-sena 2001 fejn nghata R & A, u zewg reati ta' serq registrati fis-sena 2013, din id-darba ta mobile phone fejn gie misjub hati u nghata ammenda ta' hamsin euro (€50)

u ohra fis-sena 2018 fejn inghata conditional discharge ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat ukoll kif stqarret id-difiza stess fir-rikors tal-appell taghha kif ukoll fid-domandi li ghamlet lil PS 1298 Lambert Zammit waqt li kien qed jiddeponi (fol. 11) l-appellant ghandu problema ta' tehid u abbuz ta' droga li jinducih jikkometti reati simili.

Illi l-Qorti innotat li l-prosekzzjoni ma akkuzatx lill-appellant talli hu recidiv u lanqas bl-aggravju tas-serq, minkejja li dak li seraq kellu valur ghola minn dak stipulat fis-serq semplici, tant li l-ewwel Qorti wkoll kienet konxja ta' dan.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat jew appellant u kellu din il-problema serja hafna. F'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti pero' dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thossiex konvinta fl-isforzi tal-appellant li jrid ifieq mill-vizzju ta' abbuz ta' droga u dan ghaliex ma ghamel l-ebda sforz fil-pendenza ta dan il-kaz sabiex jipprova lil Qorti l-intenzjoni genwina tieghu.

Il-Qorti rat li dawn it-tipi ta' reati huma komuni spcjalment f'dan iz-zmienijiet tas-sajf qed ikun hemm serq minn fuq ix-xtut u dan l-agir il-Qorti qed tikkundannah.

Ghalhekk in vsita tas-suespost l-Qorti hija tal-fehma li veru l-ewwel Qorti applikat il-piena fil-masimu taghha dwar serq semplici cio nonnsotante il-fatt li l-appellant kellu jinghata akkuzi ohra u cioe′ almenu l-aggravju tal-valur  fejn allura l-piena kellha tkun ferm aktar.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell tal-appellant qieghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur